# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 28**
**Rikors Guramentat Numru : 441/2016/LSO**

**Rita Camilleri, maghrufa bhala Carina Camilleri (karta ta' identita` numru 0199863M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-attrici Rita Camilleri (ID 0199863M), maghrufa bhala Carina Camilleri datat 1 ta’ Gunju 2016 fejn esponiet: -

Illi hija twieldet fl-24 ta' Marzu tas-sena 1963 kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha bin-Numru ta' Iskrizzjoni 0055138, kopja ta' liema Att tat-Twelid huwa anness u mmarkat bhala Dok 'A';

Illi l-attrici minn eta` zghira hafna hija kienet maghrufa bl-isem ta' 'Carina' u dan kif jirrizulta mill-karta ta' identita` taghha (Dok 'B') li attwalment tinqara hekk 'Rita k/a Carina';

Illi l-attrici tikteb fuq diversi rivizti u tidher fuq numru ta' programmi televizivi fejn u li fihom dejjem iffirmat bhala Carina Camilleri u dan *in vista* tal-fatt illi hija uzat dan l-isem ghal iktar minn tletin sena (affidavit anness ma' dan ir-rikors promotur).

Illi minkejja dan kollu, l-isem 'Carina' li bih l-attrici hija maghrufa u li huwa l-isem taghha ma jikkombacjax mal-isem riprodott fl-Att tat-Twelid taghha (Iskrizzjoni 0055138) u lanqas fil-passaport taghha (kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala 'Dok C') jew ic-certifikat tal-kondotta mahruga mill-Pulizija ta' Malta (mmarkata bhala 'Dok D') u dan qieghed jikkawza inkonvenjent lill-attrici kemm fil-hajja privata taghha kif ukoll f'dik pubblika, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk hemm bzonn illi fil-kolonna fl-Att tat-Twelid tal-attrici (Iskrizzjoni Nru. 0055138) intitolata "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha', l-isem 'Rita' ghandu jitbiddel u jsir 'Carina' biex b'hekk l-isem u kunjom tal-attrici fuq l-istess Att tat-Twelid jigi ndikat bhala 'Carina', kif fil-fatt ilha maghrufa tull hajjitha;

Illi ghalhekk l-attrici tixtieq tirregola l-pozizzjoni taghha u teffetwa t-tibdil necessarju sabiex l-atti ufficjali taghha kollha jirriflettu l-isem li bih hija maghrufa, u dan *a tenur* tal-Artiklu 253(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna *a tenur* tal-Artiklu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 055138 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha', l-isem jitbiddel minn 'Rita' ghal 'Carina' u konsegwentement l-attrici tista' tkun imsejha Carina Camilleri;

2. Tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-attrici. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Lulju 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' Gunju 2016 (fol 46) fejn Dr Byron

Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess Direttur tiegħu ddikjara u kkonferma:

1 Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi l-esponent jirrileva illi n-numru tal-Iskrizzjoni tal-Att tat-Twelid ġie dikjarat b'mod inkorrett fir-rikors promotur ippreżentat mir-rikorrenti. In-numru tal-Iskrizzjoni m'huwiex fil-fatt dak li hemm indikat fir-rikors promotur, miktub 0055138, iżda huwa fil-fatt 1998 tas-sena 1963, kif jidher mill-Att tat-Twelid ippreżentat mir-rikorrenti;

3. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax kemm mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 1998 tas-sena 1963, li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

4. Illi minghajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oġġezzjoni għal annotazzjoni fl-att ta' twelid ta' isem ir-rikorrenti fil-kolonna '*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa'* u ċioe` li jiġi jinqara 'Carina' minflok 'Rita' salv però li huwa m'għandux jinżamm responsabbli;

5. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli

Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

6. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 12 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Anthony Cremona, li nforma lill-Qorti ghan-nom tar-rikorrenti prezenti li irtira t-talba fuq il-kap tal-ispejjez. Dehru Dr Stephanie Borg u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Dr Cremona iddikjara li ghajr ghall-affidavits, m'ghandux provi ulterjuri x'jipproduci. Il-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti tipprezenta l-affidavits taghha sat-30 ta' Settembru 2016, wara din id-data l-provi taghha jigu dikjarati maghluqa. Halliet il-kawza ghas-sentenza in diffetto ostakolu sas-27 ta' Ottubru 2016 fid-9:30am b'dan illi l-intimat ghandu sal-15 ta' Ottubru 2016 biex jiddikjara b'nota jekk ghandux provi x'jipproduci, wara liema data l-provi jigu dikjarati maghluqa.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikoli 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fit-8 ta' Gunju 2016 (fol 43A) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titlob li jigi korrett l-att tat-twelid taghha sabiex l-isem "Rita" hemm registat bhala isimha jigi korrett u sostitwit bl-isem "Carina", u dan peress li kienet konsistentement maghrufa bl-isem Carina, u dan abbazi tal-**artikolu 253(2) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kienet u hija maghrufa konsistentement bl-isem "Carina". Ghal dan il-ghan, esebiet kopja tal-karta tal-identita` taghha fejn hi registrata bl-isem Rita k/a Carina. Inoltre`, r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament li hija kienet maghrufa ghal zmien twil ta' aktar minn tletin sena mal-qraba u l-familja taghha bl-isem "Carina." Spjegat li hija direttrici ta' agenzija, u fi blogs, intervisti u fil-media, hi maghrufa bhala "Carina." Hi esebiet sensiela ta' artikoli f'rivisti lokali u dokumenti fejn

kienet giet intervistata fejn isimha dejjem tnizzel bhala "Carina".

Illi fid-dawl tal-affidavit u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti irnexxielha tipprova li hija konsistentement kienet maghrufa ghal numru ta' snin bl-isem "Carina" u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-ligi.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza.

Illi riferibbilment ghat-tieni talba attrici u cioe` fejn talbet li jigi ordnat li t-tibdil mitlub jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-attrici, ir-rikorrenti b'nota awtorizzata pprezentata fl-4 ta' Ottubru 2016 kkjarifikat li b'din it-talba qed tirriferi, aparti ghall-att tat-twelid, ghall-Karta tal-Identita' u ghall-Passaport. Illi dwar dawn l-ahhar zewg dokumenti ta' identita', il-Qorti tirrileva li l-Identity Malta mhix parti minn dawn il-proceduri li *ex lege* huma ndirizzati lejn id-Direttur tar-Registru Pubbliku. Ghalhekk dawn id-dokumenti mhumiex fost l-atti previsti fl-**artikolu 253(3) tal-Kap 16**. Madanakollu gjaladarba jigi korrett ic-certifikat tat-twelid isegwi li dawk id-dokumenti ghandhom jirriflettu wkoll il-korrezzjonijiet ordnati. Minghajr indikazzjoni ta' certifikati ohra mahruga mir-Registru Pubbliku, din il-Qorti ma tistax takkolji t-tieni talba in kwantu mhux konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta peress li l-ligi hija cara u skont l-artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

liema atti jridu jiġu ndikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi tagħhom.

Ikkonsidrat li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' din l-istanza, peress li ma jirrizultax li sar zball u ma saret l-ebda ommissjoni da parti tal-intimat. Ghalhekk, rigward, il-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu imposti fuq ir-rikorrent.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti fis-sens li tiddikjara li hija konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem "Carina" u mhux "Rita" u kwindi, tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrenti bin-numru 1998 tas-sena 1963, b'mod li fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha l-isem "Rita" jigi sostitwit bl-isem "Carina" u dan abbazi tal-**artikolu 253(2) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

Tichad it-tieni talba ghar-ragunijiet spjegati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru 2016**